FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA 16 TA’ LULJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
JESMOND BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Borg ta’ 34 sena, bin Victor u Josephine nee Grima, imwieled Pieta fis-7 ta’ Novembru 1967 u residenti Casa Borg, Triq il-Qattus, Ghaxaq detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 464867M talli f’dawn il-gzejjer, fix-xahar ta’ Gunju 2001 u fiz-zmien ta’ qabel fuq il-Monti tal-Belt xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebhin b’qerq u cioe diversi videos u dan bi ksur ta’ l-artikolu 298(1)(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe diversi CDs, music cassettes, videos, u sportsware bil-marka Ferrari u Mc Laren bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation if wkoll il-Grand Prix Corporation u socjetajiet ohra li taghhom is-socjeta Patrick Galea LL.D. u Dr Pierre Lofaro LL.D. huma rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298b(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-16 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 298(1)(f) u 298b (1) tal-kap 9 tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta' Lm250 li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur u in oltre tordna l-konfiska tal-oggetti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.